# *FDALIJIET PUNIĊI F'BIRKIRKARA TAL-QEDEM*

**minn Bro Andrè Azzopardi OFM Cap.**

Kien qrib is-sena 5000 QK, li dawn il-gżejjer raw l-ewwel bdiewa min-naħa t'isfel ta' Sqallija, jfittxu l-kenn u joħolqu l-bidu ta' kummerċ man-nies l-oħra tal-Mediterran.[1]

Leith Adams, meta jikkummenta dwar il-preżenza ta' eluf ta' għadam misjuba f'dan l-imkien, igħid li l-art żgur li xi darba kienet miksija b'ħamrija li tat ħafna ħxejjex u kienet produttiva biex dawn l-annimali setgħu għexu hawn.[2]

Mill-għamla ta' fuħħar li nstab, wieħed jista jintebaħ li kienu diversi l-perjodi li għaddew minnhom l-ewwel abitanti fi gżiritna u li huma identiċi għal dawk misjuba fi Sqallija.[3]

It-toroq imħaffra fil-blat huma sinjal ieħor li dawn in-nies kienu għadhom ma sabux il-mezz kif iġorru t-tgħabija tagħhom min-naħa għall-oħra tal-gżira.[4]

### Sitt Mitt Sena: Tliet Ħakmiet

Madwar is-sena 800 QK l-Feniċi użaw lil Malta bħala port fejn setgħu jkabbru l-bejgħ u l-kummerċ tad-drappijiet. Instabu xi fdalijiet f'Għajn Qajjet ir-Rabat, iżda dawk importanti huma t-tempju li hemm f'Tas-Silġ, Marsaxlokk.[5]

Iżjed tard Malta għaddiet f'idejn il-Kartaġiniżi fejn dawn bdew ikabbru s-siġar tal-ħarrub u ż-żebbuġ u fetħu toroq ġodda bil-bidu tal-prodizzjoni tat-tafal.[6]

Mal-waqgħa ta' Kartaġni, ir-Rumani ħatfu l-gżira u kif jgħid Naevius, huma ħarqu kollox, serqu u ħadu dak kollu li kien għad fadal.[7]

### Is-Siti f'Birkirkara

Għalkemm wieħed jista' jaħseb li fir-raħal għażiż tagħna m'għandna xejn mill-wirt storiku li ħallewlna dawn il-ħakkiema, matul iż-żmien ħarġu għad-dawl diversi oqbra, u mill-iskavi li saru jidher li nstabu postijiet oħra ta' dak il-perjodu li juru, li f'Birkirkara, għexu wħud mill-ewlenin abitanti li għammru fil-Mediterran.

Dr. A. A Caruana jagħti indikazzjoni ta' bini li kien hemm f'Tal-Balal fil-limiti ta' l-Għargħar meta jikteb: *"Oltre le località indicate, di queste costruzioni ciclopee si trovano nella parte continentale: in Malta, sulle colline circondanti il vallane della Mellieħa; sulle colline tal-Wardija, tas-Sabbiegħ ta' l-iMġarr; sullo stradone di Għajn-Klieb; nel Corgenti, S. Lawrenz, Taltani; in Għajn il-kbira; nella contrada tal-Balal in vicinanza tal-Għargħar..."*[8]

### Tempju u Villa Rumana f'Tar-Raddiena

Fl-1967, grupp ta' studenti mill-Kulleġġ San Alwiġi u mill-iskola Sacred Heart flimkien ma' għaqda li tieħu ħsieb tfittix arkeoloġiku, bl-għajnuna ta' Fr. George Serracino



Inglott, sabu tempju megalitiku f'sit magħruf bħala "Il-Ġnien ta' Fonzu" bejn tal-Balal u l-Iklin.

Fir-rapport tal-gazzetta "The Times", kelliemi għall-grupp qal li żewġ arkati setgħu jiġu identifikati minn megaliti wisa' għaxar piedi u tul ta' ħames piedi 'l fuq mill-ħamrija. Hu jkompli jgħid li dan it-tempju jista' jkun ta' l-istess epoka ta' Kordin III u t-tempju li jinsab fin-naħa ta' fuq ta' l-Imnajdra. Id-daħla setgħet kienet min-naħa tal-Lvant u din is-sejba hi ta' importanza kbira għaliex f'dak ir-reġjun, sa l-1967, kienu għadhom instabu biss dolmen u tempju f'Tal-Hammat f'Baħar iċ-Ċagħaq.[9]

Fl-1986, waqt xogħol li kien qed isir fuq il-By Pass ta' Birkirkara, reġa' sar rapport fuq dan it-tempju biex jiġi żgurat il-ħsieb dwar ġebel kbir, imqiegħed fuq żewġ naħat li juri tempju ta' madwar 4,000 sena ilu.

Iżda barra l-ġebel, instabu wkoll fuħħar u važuni tat-tafal taż-żmien Tarxien (c. 3,000–2,500 q.k) u b'hekk il-ħajt li nstab midfun fil-ħamrija hu maħsub li nbena f'nofs it-tielet millenju qabel Kristu.

Waqt l-istħarriġ għenu s-Sur F.S. Mallia li kien Direttur tal-Mużewijiet, is-Sur Tancred Gouder u diversi voluntieri mill-"Grupp Arkeoloġiku Malti".[10]

Il-Villa Rumana nstabet fl-1975 waqt li kien qed isir xogħol għal tqegħid ta' pedamenti fl-Iklin, limiti ta' B'Kara. Matul għaxart ijiem ta' skavar, inkixfu numru ta' pedamenti ta' ħitan, kif ukoll post fejn kien isir it-tagħsir taż-żebbuġ u l-għeneb u kamra miksija b'madum f'għamla ta' djamant b'erba' naħat. Il-fuħħar li nstab hawn kien fi kwantità żgħira.[11]

## Oqbra Puniċi

Iżda l-iżjed fdalijiet li huma kbar fil-għadd huma l-oqbra. Temi Zammit jikkumenta hekk: *"The custom of burying in rock-cut tombs persisted during the period of the Roman occupation which took place after the second Punic War (about 200 BC)"*.[12]

L-ewwel qabar li nafu bih f'Birkirkara jissemma minn Dr. A. A. Caruana. Mhux magħruf fejn instab iżda Caruana jagħtina deskrizzjoni tiegħu. E. B. Vella fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja ta' dan ir-raħal, jagħtiha sħiħa: *"Kont tinżel għalih minn spiera 4.25 bi 3 piedi u fonda 12-il pied. F'ġenb fejn il-qiegħ, l-ispiera kellha daħla ta' 2 piedi u nofs li kienet magħluqa b'ħaġra u li minnha kienu jgħaddu għall-kamra*



*tal-mejjet. Din il-kamra, imbagħad, kien fiha 6.75 piedi tul, 4 piedi u nofs wisa' u l-ogħla biċċa tas-saqaf imżerżaq kienet 3 piedi u nofs għoli."*[13]

Dr. Caruana dwar il-qabar ikompli jgħid: *"Do not exhibit any internal arrangement different from that of tal-Horr, except the absence of the Coffin-shaped receptacles. Were found a quantity of amphorae, stammas, unguentaria, arybaltes etc"*.[14]

Fid-29 ta' Diċembru 1928, instab qabar ieħor f'nru 20 Via Gargur. L-għamla hi waħda ta' qanpiena u meta tneħħa l-għatu, il-qabar deher nofsu battal u n-nofs l-ieħor mimli ħaġar, ħamrija, għadam tan-nies u fuħħar. Żgur li kienu ndifnu fih għadd kbir ta' persuni għaliex instabu mat-tlettax-il ras. Instabu wkoll *"tlieta u għoxrin kus, bombli żgħar, erba' bwieqi, sitt buqari b'fommhom għamla ta'musbieħ, wieħed u tletin platt u msiebaħ miftuħin b'żewġ miċeċ u oħrajn b'miċċa waħda"*. L-iżjed sejba importanti kienet dik ta' flixkun ċatt tal-fuħħar, b'żewġ widnejn, li kellu l-għamla ta' *water bottle* li jġorru magħhom is-suldati. Bħal dan hemm wieħed fil-Mużew tar-Rabat.[15]

Sena wara, fi Triq Fleur de Lys instab qabar puniku ieħor. Waqt l-iskavar instabu l-għadam ta' tlieta min-nies u ftit fuħħar. Wara li għaddew tliet snin, quddiem dar fejn kien hemm dan il-qabar, instabu *"ġarra kbira b'tul ta' tliet piedi, urna ċinerarja mimlija b'ħamrija u bċejjeċ tal-ħruq, tliet vażetti tawwalin, ħames platti u oħrajn mkissrin, musbieħ ta' żewġ miċeċ għamla feniċja, buqar b'fommu qisu musbieħ u ieħor b'fommu miksur."*[16]

Fl-1966, fl-Imrieħel ġie skopert qabar ieħor Ruman. Dan seħħ qrib l-iskola tal-Bniet







li kienet għadha qed tinbena. Mir-rapport li sar mid-Dipartiment tal-Mużewijiet tas-sena ta' wara, nistgħu nieħdu l-impressjoni ta' kif kien il-qabar.

L-ispiera kienet 1.98m, b'91m, b'1.75m fonda u kamra tal-mejtin 1.83m, b'1.45m b'saqaf baxx ħafna maqtugħ fil-blat. Il-kamra kienet issiġillata bi blokka kbira u numru ta' ġebel żgħir.

Ir-rapport ikompli hekk: *"The tomb yielded nine inhumations and four cremations,*

*the last contained in an equal number of cinerary urns with lids. Two of the inhumations lay on the left-hand platform, but the remaining seven were piled up in a heap in the inner right hand corner of the chamber, where, presumably, they had been stacked when the cremations were introduced at a later stage."*[17]

Barra dan li diġà ntqal, jidher li kien hemm xi fdal ta' annimali tant li fil-ġurnal "The Times" insibu rapport dwar qarn ta' ljunfant li nsteraq qabel inkixef dan il-qabar u li hu maħsub li kien ilu mirdum għal 25,000 sena.

Fl-istess artiklu, meta ġie intervistat Dr. Zammit Maempel, dan qal li żgur kien hemm wied fejn l-ilma kien igħaddi u li biż-żmien dan imtela b'24 pied ta' ħamrija u strati kkuluriti kkawżati minn kundizzjonijiet fil-klima. Biex ikunu kkjarifikati, is-sejbiet intbagħtu fi Franza għal iżjed investigazzjoni.[18]

Sena wara, ġo Triq il-Wied, instabet ħofra ovali b'xi fuħħar fiha li hu ta' żmien Puniku.[19] Din il-ħofra tagħti għal kmajra żgħira li fiha kien hemm żewġ urni bl-irmied, ġarra, żewġ platti u żewġ lampi, fost affarijiet oħra. L-għamla tagħhom hija bħal dawk li kienu magħmula fil-bidu tal-perjodu Puniku.[20]

Fi Triq Qormi, matul Ottubru 1969, waqt tħaffir għal sies ta' dar, saret sejba ta' bla ħsieb meta ġie misjub qabar ieħor imħaffer fil-blat. Kellu passaġġ dejjaq fuq naħa minnhom li dan kien iservi ta' daħla għal kamra kwadra. Fin-naħa ta' ġewwa, din il-kamra kienet maqtugħa biex setgħet isservi bħal imħadda għar-ras. Flimkien ma' disa' skeletri ta' persuni adulti, kien hemm ukoll lampa, żewġ kikkri, tliet platti u ħames fliexken żgħar tondi.[21]

### Fissura fl-Għadam

Alfie Guillaumier fi *"Bliet u Rħula Maltin"*, igħidilna li fl-20 ta' Settembru 1941, sabu fissura bl-għadam li għadd ta' stalagmiti u stalaktiti magħqudin fil-ħamrija flimkien ma' fossili ta' għadam u snien ta' l-Ippopotami kienu jiffurmaw parti minnha.[22]

### Cart-ruts u t-Torri ta' Ċieda

Tajjeb li nagħmel riferenza żgħira għall-cart-ruts u t-torri Ta' Ċieda li antikament kienu jagħmlu parti minn Birkirkara, eżattament fl-Għargħar fejn qabel l-1402 twaqqfet il-parroċċa dedikata lil Sant' Elena Imperatriċi.

Illum dawn qegħdin fit-territorju ta' San Ġwann (l-Imsieraħ). Dwar il-cart-ruts fl-għolja ta' Sant' Andrija, f'San Ġwann, Temi Zammit jagħtina din id-deskrizzjoni: *"Fil-Minsija għandna sistema ta' kanali li ma nistgħu bl-ebda mod ngħidu li saru b'kumbinazzjoni. Fuq din il-pjattaforma par minnhom jinżlu dritti min-naħa ta'fuq, waqt li par ieħor jidħol fl-istess art min-naħa t'isfel. Qrib nofs l-art wieħed miż-żewġ pari jġenneb bil-mod il-mod lejn ix-xellug u l-ieħor lejn il-lemin, imbagħad iduru, u kull par jingħaqad mal-gandott ewlieni fuq in-naħa l-oħra li minnha jkun telaq qabel. Iż-żewġ pari tal-gandotti jgħaddu minn fuq xulxin qabel jingħaqdu mal-gandott ewlieni. Hekk żewġ karettuni, ġejjin minn naħa u minn oħra, setgħu jkomplu l-mixja tagħhom billi jxaqilbu fuq il-kanal tal-ġenb."*[23]

It-Torri Ruman f'Ta' Ċieda, li wkoll illum jagħmel parti minn San Ġwann, għandu

struttura li turi li kien bini f'forma tonda u mibni b'ġebel kbir maqtugħ kwadru. Instabet ċisterna ta' forma kwadra ftit 'il barra minnu flimkien ma' musbieħ, ġarra u biċċiet ta' nagħla tal-ħadid li nstabu ġot-torri. Illum baqa' biss ftit ġebel wieqaf.[24]

B'ħarsa ħafifa lejn dawn is-siti, stajna ñaraw x'wirt għandna u li bil-ħajja mgħaġġla ma tantx nagħtu kas tiegħu. Iżda hu hemm qiegħed u jfakkarna fid-dmir li nkomplu nħarsu 'l quddiem, biex kif igħid il-motto ta' din BELTNA l-għażiża, nimxu GĦAL ŻMENIJIET AĦJAR.

## RIFERENZI


1. A. Bonanno, "Malta's Changing role in Mediterranean Cross - Currents From Prehistory to Roman times", in *"Malta A Case study in International Cross - Currents"*, ed., S. Fiorini, V. Mallia Milanes, (Malta University Publications, 1989), p. 1-2.
2. A. Vella, "A Concise History of Malta (1) The Prehistoric Period", in *Heritage*, n.35, May 1980, p.689.
3. *Ibid.*, p.692.
4. *Ibid.*, p.696.
5. A.Vella, "A Concise History of Malta (2) The Phoenicians and Carthaginians", in *Heritage*, n.36, June 1980. p.701.
6. *Ibid.*, p.703.
7. A.Vella, "A Concise History of Malta (3) The Roman Period", in *Heritage*, n.37, July 1980. p.728.
8. A. A. Caruana, *"Frammento Critico della storia ... delle isole di Malta"*, Malta, 1899, p.156.
9. "Discovery of a megalithic temple", in *The Times*, 22. 2. 1967, p.9.
10. "Excavations indicate 4,000 year - old temple at Birkirkara", in *The Times* 12.11.1986. See also Reports on the working of Government Departments for the year 1986, p.68.
11. "Roman house foundations brought to light", in *The Times*, 17. 7. 1975, p.9. See also Reports on the working of Government Departments covering periods between 1st April 1974 and 13th August 1975, p.60; "Siti Arkeoloġiċi fl-Iklin", in *Tabor*, Hal Lija 1998, p.69-71.
12. T. Zammit, *"The Archeology of the Maltese Islands"*, Malta, 1923.
13. E.B. Vella, "Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha", (Malta, Empire Press, 1934), p.13.
14. A. A. Caruana, *"Ancient pagan tombs and Christian Cemeteries in the Islands of Malta"*, Malta 1898, p.49.
15. E. B. Vella, *"Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha"*, (Malta, Empire Press, 1934), p.15.
16. *Ibid.*, p.13-14.
17. *Annual report of the Museum Department*, Malta 1967, p.6.
18. "Prehistoric Discovery at Mriehel", in *The Times*, 28.3.1966.
19. A. Guillaumier, "Birkirkara", in *Bliet u Rħula Maltin*, vol.1, (Valletta Publishing Ltd.), p.94.
20. *Annual report of the Museum Department*, Malta 1967, p.6.
21. *Ibid.*, p5.
22. A. Guillaumier, "Birkirkara", in *Bliet u Rħula Maltin*, vol.1, (Valletta Publishing Ltd.), p.94.
23. T. Zammit, "Prehistoric Cart tracks in Malta", 1928, p.20, quoted in D. Spiteri, *"Il-Parroċċa ta' San Ġwann"*, Veritas Press, Malta, p.14.

    For further reading about Cart-ruts see:
    - E. G. Fenton, "The Maltese Cart-ruts", vol.XVIII, n. 5, 1918, p. 67-72.
    - R. Parker, M. Robinson, "Malta's Ancient Temples and ruts", (Kent), 1988.
    - "The Cart-ruts at Ghar il-Kbir (Clapham Junction)", in *The Sunday Times*, 7.3.99, p.38 ff.
24. *Museum Report*, 1960, p.6 See also, A. Bonanno, *"Roman Malta: The Archeological heritage of the Maltese Islands"*, (Malta, 1992), p.28. V. Zammit, "It-Torri ta' Ġawhar", in *Il-Mument, Pizzi Kanna Suppliment*, 28.2.1999, p.3.